

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11282/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0174 (NLE)**

**VETER 107
AGRI 550**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 315 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimentaw l-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 315 final.

Mehmuż: COM(2026) 315 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2026
COM(2026) 315 final

2026/0174 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra¹ (“il-Ftehim”) għandu l-għan li jipromwovi l-espansjoni tal-kummerċ reċiproku, isaħħaħ l-attività ekonomika, itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-impjegi, iżid il-produttività u l-istabbiltà finanzjarja, jipprovdi kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni kummerċjali, u jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli kummerċjali u jhegġegħ l-iżvilupp armonjuż u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997. Sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ bilaterali tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, il-Partijiet Kontraenti kkonkludew ukoll Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim² (il-Protokoll), u li jifforma parti integrali mill-Ftehim. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 31 tal-Ftehim, għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Il-Kumitat Konġunt jaġixxi bi qbil reċiproku.

F'konformità mal-Artikolu 2 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt għandu s-setgħa li jfassal lista tad-dispożizzjonijiet veterinarji Komunitarji li jridu jiġu applikati mill-Gżejjer Faeroe, u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Permezz tad-Deċiżjoni 1/2001³ tiegħu, il-Kumitat Konġunt stabbilixxa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll. Sottogrupp veterinarju fil-Kumitat Konġunt, stabbilit mill-Protokoll, hu responsabbli li jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt bil-ħsieb li jiġu aġġornati jew emendati dawk id-dispożizzjonijiet.

Id-Deċiżjoni 1/2001 ġiet aġġornata l-aħħar fl-2008 bid-Deċiżjoni Nru 1/2008⁴ tal-Kumitat Konġunt. Minn dak l-aġġornament lil hawn, l-acquis rilevanti tal-Unjoni kompli jevolvi, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi ġodda u emendi ta' atti eżistenti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u uniformi kontinwa tal-Protokoll, meħtieġ li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ħalli jiġi aġġornat biex jirrifletti l-istat attwali tal-acquis tal-Unjoni applikabbli.

Barra minn hekk, jeħtieġ jittejjeb it-test tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll biex issir aktar ċarezza dwar il-komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-atti tal-Unjoni applikati mill-Gżejjer Faeroe u r-regoli applikabbli għall-moviment.

Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni 1/2001 b'Deċiżjoni ġdida tal-Kumitat Konġunt, li tintroduċi lista aġġornata tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li trid tiġi applikata mill-Gżejjer Faeroe u li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni b'aktar ċarezza.

¹ [ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2-135](#)

² [ĠU L 305, 30.11.1999, p. 26](#)

³ [ĠU L 46, 16.02.2001 p. 24-29](#)

⁴ [ĠU L 24, 28.1.2009, p. 30-33](#)

2. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim, hija meħtieġa Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuża ma' din il-proposta jħassar u jissostitwixxi d-Deċiżjoni 1/2001. Id-Deċiżjoni proposta telenka r-regoli tal-Unjoni applikabbli li l-Gżejjer Faeroe għandhom japplikaw għad-dħul ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali minn pajjiżi terzi u tiddefinixxi li għal dawk il-komoditajiet, ir-regoli tal-Unjoni għall-moviment tagħhom minn Stat Membru għal ieħor għandhom japplikaw għall-movimenti mill-Unjoni lejn il-Gżejjer Faeroe. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni proposta telenka l-komoditajiet li għalihom il-Gżejjer Faeroe għandhom japplikaw ir-regoli tal-Unjoni applikabbli u tistabbilixxi li għall-movimenti ta' dawk il-komoditajiet elenkati mill-Gżejjer Faeroe lejn l-Unjoni għandhom japplikaw ir-regoli tal-Unjoni għall-moviment tagħhom minn Stat Membru għal ieħor.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Din hija proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim, li għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fl-Anness.

Bażi legali

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Għażla tal-istrument

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali.

4. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll veterinarju, jixraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) għie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/126/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997.
- (2) Il-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim (“il-Protokoll”) għie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/778/KE u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.
- (3) Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim u l-Artikolu 2 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 31 ta' dak il-Ftehim (“il-Kumitat Konġunt”) jiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll.
- (4) Sottogrupp veterinarju fil-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Protokoll, għandu jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt bil-ħsieb li jemenda jew jaġġorna l-leġiżlazzjoni inkwistjoni.
- (5) Permezz tad-Deċiżjoni 1/2001² tiegħu, il-Kumitat Konġunt stabbilixxa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll.
- (6) Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tas-sottogrupp veterinarju, fil-laqgħa li jmiss tiegħu l-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjoni li tħassar u tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll.
- (7) Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-implimentazzjoni tal-Protokoll għandhom l-għan li jintroduċu lista aġġornata tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li trid tiġi applikata mill-Gżejjer Faeroe u jtejbu ċ-ċarezza dwar il-komoditajiet koperti.
- (8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

¹ [ĠU L 53, 22.2.1997, p. 1-136](#)

² [ĠU L 46, 16.02.2001 p. 24-29](#)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim, għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President